Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

ID-DISA' LEĠISLATURA 2024

SEDUTA NUMRU 35

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 9 ta'Marzu 2026 fl-16.30.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

*Skużati:*

*Kunsillier – T. Valentino*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 35.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

35.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru. 33 ġew approvati. Il-Kunsillier M.Abela pproponiet u l-Kunsillier A. Pisani ssekondat. Il-Minuti tas-Seduta Nru 34 ġew approvati. Il-Kunsillier E. Rossignaud ippropona u l-Kunsillier R. Scicluna ssekondat.

## 35.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

35.2.1 Il-Kunsillier R.Scicluna staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-proposta tal-pedestrian crossing fi Triq il-Keffa. Is-SE infurmat li l-Perit kien qed jipprepara l-pjanta bil-post l-ġdid li reġa' ġie ddentifikat fl-istess żona. Hija nfurmat li hekk kif din tkun ffinalizata, se tkun qed tgħaddi għall-approvazzjoni ta' TM.

35.2.2 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar pedestrian crossing proposta fi Triq is-Sidra. Is-SE infurmat li waqt laqgħa li hu kellu mal-Perit ġie ddentifikat post u se tkun qed tiġi ppreparata l-applikazzjoni ta' TM.

35.2.3 Il-Kunsillier M.Abela staqsiet jekk hux se jkunu qed isiru s-sinjali sofor tul Triq il-Pedidalwett kollha. Is-SE infurmat li sa issa saru fil-kantuniera imma jekk kemm-il darba hemm qbil li dawn jsiru sa Triq il-Gladjoli, tkun qed issir WO. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

35.2.4 Il-Kunsillier M. Balzan staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar CCTV Cameras li residenti ta' Triq l-Uqija xtaqu jagħmlu fl-istess triq fiż-żona tal-GREENS. Is-SE infurmat li għamilna kuntatt mal-Alberta u Strand sabiex jinġabru l-kwotazzjonijet. Hija nfurmat li hekk kif dawn il-kwotazzjonijiet jaslu għand Kunsill, se jgħaddu dirett għand l-istess residenti sabiex jaraw kif dawn se jiġu ffinanzjati minnhom.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

35.3 RAPPORT MIS-SINDKU

35.3.1 Is-Sindku ppreżenta applikazzjoni għall-fondi li ġew offruti mill-MDIA dwar il-proġett GovTech4All AI Pilot. Din l-applikazzjoni saret bi sħab ma' 2 Kunsilli Lokali oħra: Fgura u St.Luċia. Kien hemm qbil unanimu li din tiġi sottometta. Il-Kunsill ta' St. Lucia huwa l-Kunsill li se jkun qed imexxi dan il-proġett.

35.3.2 Hu nforma li nhar id-19 ta'Frar, flimkien mas-SE u l-Kunsillier M.Abela iltaqa' ma' l-Ispettur G.Gatt. Waqt din il-laqgħa ġie rrapurtat dwar kif se jkunu qed jaħdmu l-uffiċċjali tal-Pulizija matul ix-xhur tas-sajf kif ukoll xi miżuri ġodda li se jkunu qed jattwaw u li se jiġu mħabbra fi xhur li ġejjin. Din il-laqgħa kompliet permezz tal-attendenza tas-Surġent Mintoff fejn ġew indirazzati l-ilmenti t'hawn taħt:

1. Strobju u parkeġġ bl-addoċċ fi Triq il-Qasam k/m Triq l-Imgħażel
2. Parkeġġ bl-addoċċ fi Triq l-Uqija
3. Il-problema tal-overspeeding
4. It-tabelli li jkunu installati b'mod temporanju ħabba xi xogħlijiet tat-tarmak u l-validita' tagħhom

35.3.3 Fl-20 ta'Frar, flimkien mas-SE, is-Sindku attenda għal laqgħa li ġejna mitluba nattendu mill-Ministeru tat-Turiżmu. Għal din il-laqgħa minn naħa tal-Ministeru kien hemm preżenti Dr Powell. Waqt din il-laqgħa, Dr Powell infurmatna b'xi miżuri li se jkunu qed jitħabbru mill-Minsiteru fil-jiem li ġejjin kif ukoll li dwar il-punt li anke short-lets jkunu regolati mill-PA. Dwar din tal-PA, hija rrimarkat li jkun jaqbel jekk jsir kuntatt mal-Ministru responsabli għall-iktar informazzjoni. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Ministru kkonċernat.

35.3.4 Fl-1 ta'Marzu, saret tfakkira tal-ewwel anniversarju mill-mewt tal-Mons. Victor Grech. Il-Kunsill kien mistieden għal quddies fil-Knisja u wara saret bibita żgħira fis-sala tal-Kunsill u tpoġġew fjuri fuq il-monument tal-Monsinjur.

35.3.5 Rigward il-problema ta' ilma maħmuġ li ta' spiss qed joħroġ minn residenza partikolari fi Triq is-Sirk,is-Sindku nforma li din il-problema għadha qed tippersisti minkejja diversi *reminders* li ntbagħtu lid-Dipartiment tas-saħħa pubblika. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jerġa' jsir kunttat mad-Dipartiment kkonċernat qabel ma din il-korrispodenza tkompli teskala.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

35.3 RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli

35.3.6 Fi 2 ta'Marzu, is-Sindku flimkien mas-SE ġew mistiedna jattendu għall-konferenza stampa relatata mal-iskema ta' LESA. Is-SE attendiet fejn ingħatajna fondi sabiex jiġu nstallati 2 *shading* f'ġonna pubbliċi (Ġnien FX Ebejer u Ġnien E.Barthet). Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Flores ta' din l-opportunita'.

35.3.7 Fi 3 ta'Marzu, saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett tal-Madliena. Jidher li hemm porblema fejn jistgħu jiġu nstallati play equimpment f'din iż-żona minħabba il-qagħda ġeografika kif ukoll minħabba s-siġar li diġa' hemm miżrugħa. Il-Perit flimkien mal-Kunsillier M.Abela se jkunu qed jiltaqgħu fuq is-sit.

35.3.8 Fi 3 ta'Marzu, saret laqgħa dwar l-iskema Minn Pjazza għal Pjazza, il-Kunsillier M.Abela attendiet għal din il-laqgħa. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsillier M.Abela flimkien mal-Kunsillier L.Vassallo jippreparaw għall-applikazzjoni sabiex jekk ningħataw il-fondi tiġi organizzata Lejla Maltija b'differenza. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

35.3.9 Nhar it-3 ta'Marzu saret laqgħa pubblika fejn ġiet diskussa l-proġett ta' tisbieħ ta' Triq is-Swieqi b'kolloborazzjoni ma' Project Green. Kien hemm attendenza tajba fejn il-Perit tal-Kunsill informa l-pjan propost mill-Kunsill. Matul din il-laqgħa, ġie deċiż li d-direzzjoni ta' traffiku ta' Triq l-Ilqugħ tinbidel. Din għandha ssir li l-vetturi għandhom jidħlu ġo Triq l-Ilqgugħ minn Triq is-Swieqi mhux joħroġu biss. Kien hemm qbil dwar dan it-tibdil u għaldaqstant se nkunu qed ninfurmaw lil TM dwar dan.

35.3.10 Nhar il-5 ta' Marzu, saret laqgħa mas-Sur Harrison u s-Sur Jesmond mill-GREENS Supermarket dwar is-sitwazzjoni li ta' kuljum qed jaffaċċjaw ir-residenti ta' Triq l-Uqija minħabba ipparkjar b'mod illegali u anke quddiem garages privati. Ġie deċiż li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex tiġi installata CCTV Camera u tiġi segwita mill-LESA.

35.3.11 Fis-7 ta'Marzu saret attivita fl-okkażżjoni ta' Jum il-Mara. Din l-attivita' kienet ferm organizzata tajjeb fil-waqt li kien hemm attendenza tajba ħafna. Is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera li kienu nvoluti, li-istaff li għal darba oħra għen ħafna, lis-Sa. Noelene Miggiani li kienet ta'għajnuna kbira kif ukoll l-*speakers* kollha li taw il-kontribut tagħhom. Il-Kunsillier M. Balzan irrimarka li fil-waqt li din kienet attivita' oħra tal-Kunsill tajba, skont kummenti li rċieva jidher li seta' jiġ evitat l-element politiku. Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm l-ebda invovilmenti poltiku u jekk qed jirreferi għall-vista li l-Kap tal-Oppożizzjoji għamel, din ma kinitx pjanata.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

35.3 RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli

35.3.12 Rigward il-ħanut li allegatament se jkun qed jiftaħ fi Triq is-Swieqi biex tinbiegħ il-*medical cannabis,* is-Sindku nforma li diversi residenti huma nkwitati ħafna. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien diġa' kiteb lil-Kummissarju ta' Tfal minħabba l-fatt li jekk dan hu vera, dan il-ħanut se jkun viċin wisq ta' ġnen pubbliku bil-bandli. Il-Kunsill informa wkoll lill-Pulizija tal-Komunita' . Se nkunu qed nergħu nibgħatu reminder dwar din il-materja.

35.3.13 Is-Sindku wera d-diżapunt tiegħu li l-Kunsill qatt ma ġie nnotifikat jew għall-inqas mgħarraf minn qabel dwar il-proġett li ħabbar is-Sindku ta' Pembroke. Dan il-proġett jinvolvi fi *bridge* kbir bejn il-lokalita' ta' Pembroke u dik ta' Swieqi. Hekk kif il-post tas-Sindku ta'Pembroke ġiet għall-attenzjoni tagħna, il-Kunsill tas-Swieqi kiteb lil Ministru C.Bonett kif ukoll lil CEO Sur Steve Ellul dwar dan il-proġett pero' sfortunatament sa llum għadna bla risposta. Hemm numri kbir tar-residenti li jinsab pre-okkupati b'dan il-proġett propost u sfortunatament il-Kunsill tħalla fl-għama tant li mhux f'pożizzjoni li jwieġeb għall-ebda mistoqsija.

35.3.14 Rigward is-sitwazzjoni preżenti tas-siġar ta' Triq il-Ħemel, is-Sindku nforma li l-ERA bgaħtulna risposta tagħhom fejn dawn talbu sabiex jiġu maqtugħa l-għeruq tas-siġar li fadal u jekk kemm-il darba dan mhux possibli, għandu jitqabbad espert tas-siġar ieħor mill-lista li provdew fl-imejl. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ssir laqgħa b'mod urġenti bejn il-Perit u s-Sur Herman Scifo dwar dawn is-suġġerimenti. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li għandu jiffinanzja espest tas-siġar ieħor wara li l-Kunsill diġa' għandu wieħed u kemm-il darba staqsa lill-ufficċċjali tal-ERA sabiex anke huma jispezzjonaw is-sit. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lil ERA dwar din il-materja.

35.3.15 Is-Sindku nforma li *chair lift* ġie ordnat u huwa ppjanat li jiġi installat lejn l-aħħar t'April/bidu ta'Mejju.

35.3.16 Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza mill-Malta Wheelchair Basketball Association dwar il-possibilta' li jsir *outreach project.* Kien hemm qbil dwar dan. Hu staqsa lil Kunsllier M.Balzan li għandu fid-dekasteru tiegħu l-isports sabiex jagħmel kuntatt magħhom.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

*Il-Kunsillier M.Abela staqsiet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 19.28.*

## 35.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

<u>Mill-Kunsillier L. Vassallo</u>

35.4.1 Il-Kunsillier ipproponiet li ssir ġurnata għall-Sqallija nhar il-5 ta'Mejju. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsillier ħadet l-inkarigu li torganizza din l-attivita'.

*Il-Viċi Sindku staqsa sabiex jkun skużat. Il-ħin kien 19.40.*

<u>Mill-Kunsillier E.Rossignaud</u>

35.4.2 Il-Kunsillier staqsa x'inhi l-pozizzjoni tal-Kunsill rigward NOMA Island. Wara diskuzzjon, ġie deċiż li sa issa l-Kunsill mhux infurmat fejn din se tkun eżatt u lanqas informazzjoni ta' kif se tkun qed topera; għaldaqstant l-Kunsill ma jistax jistabillixxi opinjoni.

35.4.3 Il-Kunsillier staqsa fiex wasal il-proġett ta' Triq il-Wiżna k/m Triq il-Qasam, is-SE infurmat li l-Perit qed jipprepara l-applikazzjoni għal DNO permit u hekk kif din tiġi approvata minn naħa tal-PA, se tkun qed tiġi ppreparata l-applikazzjoni għal DPF.

<u>Mill-Kunsillier M.Balzan</u>

35.4.4 Il-Kunsillier informa li skotn rapporti li rċieva jidher li diversi trolleys qed jitħallew fi Triq l-Uqija minn dawk li jkunu użawhom. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lil Managment tal-GREENS dwar din il-materja.

35.4.5 Hu nforma li rċieva korrispondenza minngħand residenta ta' Triq il-Faxxina fejn allegatament residenta qed tgħid li qed jidħol l-ilma fil-garage tagħha għax il-bankina mhux qiegħda fi stat tajjeb. Is-SE infurmat li se ssir laqgħa fuq is-sit ma' din ir-residenta u l-Perit tal-Kunsill.

35.4.6 Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-bus shelter ta' Triq Sant Andrija. Is-SE infurmat li dwar dak ta-naħa ta'Pembroke hemm applikazzjoni tal-PA u dwar dak ta' naħa tas-Swieqi, sfortunatament ma kien hemm l-ebda żvilluppi.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 35.5 APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru. 22 ġiet ippreżentata lill-Kunsill. Din l-iskeda intbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' imejl.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |